**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 393/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Moufid Abdelbaki**

Illum, 10 ta' Gunju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Moufid Abdelbaki, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0482112L, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Fil-kapaċita' tiegħu personali u/jew bħala persuna li tħaddem nhar id-9 ta' Ottubru 2018 matul il-ġurnata u/jew fil-ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel, fis-sit sitwat fi Triq it-Tamar kantuniera ma' Triq Ruggero Loria, San Pawl, naqas milli jħares is-saħħa u s-sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li setgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan billi bħala persuna li jħaddem naqas li jara li xogħol fil-għoli jkun ppjanat sew u jieħu mizuri xierqa u suffiċjenti sabiex jipprevjeni waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawzaw dannu personali. Naqas li jara li xogħol fl-għoli jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintuzaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurta'. Fejn bennieni huma wzati, dawn għandhom ikunu solidi, għoljin bizzejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva

ekwivalenti. Naqas li jara li lqugħ prottetiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġi mwaħħal madwar garigori, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa distanza li tista' tikkawza ħsara personali, jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskju mill-għarqa jew korriment serju. Naqas li jara li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' għoli adegwat u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma uzati u dan ai termini ta' l-artikoli 6(1)(2) ta' Att 27/2000 Kap. 424 u Art. 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 (Skeda IV Sezz. II Parti B) ta' A.L. 88/2018.

2. Fl-istess zminijiet, lok u ċirkostanzi fil-kapaċita' tiegħu ta' persuna li jħaddem, naqas milli jizgura li kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispozizzjonijiet speċifikati fi Skeda 2 ta' l-Ordni u tizgura li fejn hemm il-prezenza ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kompattibli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Naqas ukoll li jistabilixxi l-kundizzjonijiet ta' uzu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari, għal kemm ħin għandu jintlibes, skond il-bazi tas-serjeta' tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzoni tat-tagħmir protettiv personali u jizgura ukoll li jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda, jieħu l-mizuri kollha xierqa sabiex jizgura li dan l-uzu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew iġjene għall-utenti differenti. Naqas li jizgura li dan it-tagħmir jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem u jizgura li dan it-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni iġjenika tajba permezz ta' manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa. Naqas milli jara li qabel ħaddiem jiza tagħmir protettiv personali javzah dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu konrtihom. Naqas ukoll li jizgura li jiġi kkonsultat ir-Rapprezentant għas-Saħħa u s-Sigurta' tal-Ħaddiema u dan ai termini ta' l-artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11, u 17 ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21).
3. F'ismu propju u/jew bħala persuna li thaddem nhar id-9 ta' Ottubru 2018 filgħodu u/jew fix-xhur ta' qabel, impjega jew ta xogħol lil persuna li ma kienitx persuna ezenti u li ma kellhiex liċenzja mogħtija lilha għal dak l-impjieg jew xogħol skond id-dispozizzjoniiet tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta.
4. Talli taħt l-istess ċirkostanzi, bħala prinċipal impjega xi persuna li ma kinitx ċittadina ta' Malta u lanqas kellha permess waħdieni u liċenzja ta' mpjieg, ai termini tal-Artikolu 43 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li nhar il-21 ta' Ottubru 2021, l-appellant irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet riaffermata wara li l-Qorti tatu żmien xieraq biex jirrikonsidraha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Ottubru 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Liġi rilevanti, senjatament

l-Artikolu 6 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regolament 5.1 sa 5.5 tal-iskeda IV, Sezzjoni II, Parti B tal-Avviz Legali 88/2018, ir-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 10, 11 u 17 tal-Avviz Legali 121/03; l-artikolu 32(1)(b) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta; u l-artikolu 43 tal-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat Moufid Abdelbaki ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement ikkundannatu għal ħlas ta' multa ta' 6,000 Ewro, li f'kaz li ma titħallasx għandha tinbidel fi priġunerija fit-termini tal-artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appellant Moufid Abdelbaki, ippreżentat fit-3 ta' Novembru 2021, fejn talab lil din l-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, tirriforma s-sentenza fil-parti tal-piena billi minflok tinfliġġi piena aktar ekwa u idonea fiċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-uniku *gravam* sottopost għal gudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti għar reati li dwarhom l-appellant, fuq ammissjoni tiegħu stess, kien misjub ħati. Dan għaliex, fil-fehma tiegħu, din il-piena kienet waħda esaġerata u li ma tirriflettix iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti kellha timponi piena aktar miti fuqu minħabba li huwa kkopera mal-uffiċjali kompetenti kif ukoll irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri istitwiti kontrih.

Illi ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti

– kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[1].

Issa minn ezami akkurat tar-reati addebitati lill-appellant, u li dwarhom instabet ħtija in segwitu għall-ammissjoni nkondizzjonata tiegħu, huwa evidenti li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe' dik ta' multa ta' sitt elef Ewro (€6000), għalkemm mhux fil-minimu tagħha, kienet waħda li tinkwadra ruħha fil-parametri ikkontemplati fil-Liġi. Illi huwa evidenti ukoll illi l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz, l-istadju li fiha saret l-ammissjoni, li kien fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri, ir-rwol tal-appellant fil-kummissjoni tar-reat u ċioe' fil-kapaċita' tiegħu bħala kuntrattur f'proġett ta' kostruzzjoni, kif ukoll li s-sit in kwistjoni kien wieħed li jikkomprendi fih il-kostruzzjoni ta' diversi sulari, li fih kien hemm periklu serju. L-Ewwel Qorti kkunsidrat ukoll li l-appellant bħala kuntrattur u persuna li timpjega n-nies miegħu huwa meqjus fit-termini tal-liġi bħala persuna responsabbli għal dak li jirrigwarda s-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol tal-impjegati tiegħu kif ukoll ta' kull persuna li taċċessa s-sit.

Illi għalkemm huwa minnu li l-appellant ammetta minnufih ghall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, madanakollu b'daqshekk dan ma jnaqqasx mis-serjeta' tan-nuqqasijiet riskontrati fix-xogħol tiegħu fuq is-sit ta' kostruzzjoni fejn huwa kellu taħt ir-responsabbilta' tiegħu numru ta' ħaddiema. Illi ġie stabbilit illi s-sit, li kien fi stadju avvanzat ta' kostruzzjoni, ma kellux l-ilqugħ fil-gallariji tul is-sulari kollha sa fuq nett, tant illi allura kien hemm periklu serju ta' waqgħat mill-għoli, kif *del resto* seta' jiġi evidenzjat mir-ritratti eżebiti mill-Uffiċjal tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, li għamel l-ispezzjoni, tant li inħarrġet ordni sabiex is-sit jingħalaq u x-xogħol jieqaf sakemm il-periklu jitneħħa. Dan apparti il-fatt illi l-appellant kien qed iħaddem miegħu numru ta' persuni barranin b'mod irregolari.

Illi l-piena maħsuba għal vjolazzjoni tal-liġi li dwarha l-appellant ġie misjub ħati u ċioe' b'mod ewlieni il-ksur tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta iġorr

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

miegħu il-piena kif ikkontemplata fl-artikolu 38(3) tal-Att u ċioe' il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu(11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien; u barra minnhekk, il-Qorti tista' wkoll, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, tħassar il-liċenzi kollha, b'ordnijiet bil-miktub jew permessi maħruġa lil jew f'isem il-persuna misjuba ħatja in konnessjoni mal-post tax-xogħol fejn ikun sar ir-reat. Dan apparti il-ksur tal-liġi kif ikkontemplat fil-Kapitoli 217 u 594 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti mhix biss kienet waħda alternattiva għal dik ta' inkarċerazzjoni, iżda ukoll għalkemm mhux fil-minimu, lanqas ingħatat fil-massimu ikkontemplat fil-liġi.

Il-Qorti għalhekk tqis li, fid-dawl tal-fattiċpeċi tal-kaz odjern, il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti kienu ben sensati u legalment validi u ma tezisti l-ebda raġuni għala l-piena mposta għandha tiġi varjata.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**